Nicholas Grech
Male Ward 3A
Sptar Monte Carmeli
Triq Notabile
Attard
Data: 3 ta' Settembru 2015

L-Onor Ministru tal-Gustizzja, Owen Bonnici,

Qed nerga niktiblek ghax inhoss li qed issir ingustizzja mieghi wara li ilhu aktar minn 4 xhur minn mindu l-Psikjatra David Cassar kien rega kitiblek biex jibda johrogni bil-leave mill-isptar Monte Carmeli. Jien nemmen li ma kienx f'loku li jidhlu l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija fin-nofs ghax apparti li hemm kunflitt t'interess, kieku riedu l-Pulizija kienu jappellaw huma stess mis-sentenza u dan qed jirrizulta biss f'dewmien bla bzonn. Nerga ntenni li kienu l-Pulizija li mmalafamawni u pregudikawli l-kaz b'modd li jgibuni nidher bhala mentali, fejn sadattant ghadni qed ninzam mafqul innocentament l-isptar Monte Carmeli u dalwaqt se nkun ilni sena u 6 xhur. Il-Psikjatra stess qalli li jien m'ghadnix posti t'hemm ghax qed issirli hafna aktar hsara milli gid u s-sentenza tal-Qorti kienet li ma gejtx misjub hati imma ghandi nibqa' ninzamm l-isptar Monte Carmeli ghall-kura sakemm ikun hemm bzonn u dan fuq il-parir tal-Psikjatra jew tal-Kummissarju tas-Sahha Mentali issa li nbidlet il-ligi, u darba nkun barra bil-leave xorta nibqa nigi mmonitorat b'appuntamenti regolari fl-isptar Monte Carmeli. Nitolbok ukoll tiehu 'n konsiderazzoni l-gravita tal-kaz fejn jien m'ghamilt xejn daqstant gravi ghax l-annimali kont insibhom mejtin jien u naqdef bir-rota u ma fejn dendilthom m'ghamilx hsara, waqt li fil-kennirja tal-knisja kont nidhol biss biex niehu qisien u ritratti tal-post sforz ir-ricerka li kont qed naghmel fuq il-knisja l-qadima tal-Mosta.

_______________________________________________

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])

*(fil-frattemp kont qed xi kultant incempel il-Ministeru nistaqsi fuq il-kaz tieghi fejn wasal u kull darba jghiduli li ghadhom qed jistennew il-parir tal-Avukat Generali u wara tal-Kummissarju tal-Pulizija, u ghaldaqstant ergajt ktibt lill-Ministru din l-ittra nghidlu li l-kaz tieghi ma kienx kaz kriminali u li jien ma kont ghamilt xejn daqstant gravi li jimmerita l-parir taghhom l-anqas li kieku)*

*(l-Acknowledgement mill-Ministeru tal-Gustizzja ghall-ittra t'hawn fuq)*

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA
U GVERN LOKALI

9 ta' Settembru 2015

Lis-Sur Nicholas Grech
Male Ward 3A
Sptar Monte Carmeli
Triq Notabile
Attard

Għażiża Sur Grech

Nixtieq ninfurmak li l-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali rċieva l-ittra tiegħek ta1-3 ta' Settembru 2015.

Inselli għalik

Mandy Baldacchino
*Secretariat Officer*
Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali